Iffirmati żewġ “Memoranda of Understanding” bejn il-Gvern u l-MUT:

# 1438 persuna se jibbenefikaw minn kundizzjonijiet aħjar ta’ xogħol

Il-Gvern u l-MUT iffirmaw żewġ Memoranda of Understanding li jolqtu l-kategoriji ta’ Kindergarten Assistants, Supply Teachers, Supply Kindergarten Assistants u Supply Learning Support Assistants li permezz tagħhom, 1438 persuni jistgħu jgawdu minn aktar serħan il-moħħ u kundizzjonijiet aħjar ta’ xogħol.

Dan il-qbil li ntlaħaq wara negozjati twal u diffiċli se jsolvi problemi li f’ċerti każi ilhom ikaxkru għal numru ta’ snin.

Permezz tal-ftehim dawk il-persuni li mil-lum ‘l quddiem ikunu ngaġġati f’xi waħda mill-kategoriji msemmija b’kuntratt definit ta’ xogħol, jekk jimpenjaw ruħhom li jtejjbu l-kwalifiki tagħhom, wara li jkun ilhom erba’ snin fl-impjieg, il-kuntratt tagħhom jinbidel f’wieħed indefinit.

Għal dawk li ilhom impjegati f’dawn il-kategoriji għal numru ta’ snin u ma għandhomx il-kwalifiki meħtieġa, il-Gvern se jagħtihom iċ-ċans li jtejjbu l-kwalifiki tagħhom b’korsijiet apposta, biex barra li jingħataw kuntratt indefinit ta’ xogħol, ikunu jistgħu javanzaw ukoll fil-karriera. It-tul ta’ dawn il-korsijiet ivarja skont is-snin li dawn l-impjegati ilhom fl-impjieg.

Fil-każ tal-Kindergarten Assistants, għall-ewwel darba il-ħaddiema f'din il-kategorija se jingħataw għarfien għas-snin ta' esperjenza li għandhom, kif ukoll taħriġ speċjalizzat biex ikunu jistgħu javanzaw fil-karriera tagħhom.

Biex aktar jgħin lil dawk il-persuni f'kategoriji ta' Supply Teachers, Supply Kindergarten Assistants u Supply Learning Support Assistants, id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi qed joffrilhom ukoll is-servizz ta' gwida u konsulenza biex huma jagħżlu korsijiet adattati li jgħinuhom fil-mixja 'l quddiem tal-karriera.

Il-Gvern u l-Malta Union of Teachers ftehmu wkoll li l-persuni li llum huma fi grad ta' Kindergarten Assistant ikunu assimilati fil-grad ta' Kindergarten Assistant I jew Kindergarten Assistant II skont il-każ.

Permezz ta' dan il-qbil, aktar miżuri li kienu inklużi fil-Ftehim milħuq bejn il-Gvern u l-MUT fl-2007, daħlu fis-seħħ.

F'kelmtejn li għamlet wara l-iffirmar ta' dawn iż-żewġ dokumenti, il-Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, Dolores Cristina, iddeskriviet dan il-ftehim bħala pass ieħor 'l quddiem biex intejjbu l-kwalita' tal-edukazzjoni f'pajjiżna billi l-impjegati li huma nkarigati mit-tagħlim u l-kura tat-tfal tagħna sa minn eta' bikrija, qed jingħataw l-opportunita' biex ikomplu jiżviluppaw personalment kif ukoll professjonalment.

Dan il-ftehim għandu jagħti sens akbar ta' sigurta' fl-impjieg lil mijiet ta' ħaddiema li x-xogħol tagħhom dejjem kien wieħed definit u li issa se jkunu rikonoxxuti s-snin twal ta' servizz li taw lill-komunita' u se jingħataw kuntratt indefinit. Dan ikun ifisser ukoll il-possibilta' li dawk li diġa' huma kwalifikati jew dawk li jirnexxielhom jikkwalifikaw bl-għajnuna li se tingħatalhom, ikollhom ċans ukoll ikomplu javanzaw u jieħdu pagi u kundizzjonijiet aħjar.

Il-Ministru Cristina rringrazzjat lil dawk kollha li fis-snin li għaddew ħadmu bħala Supply Teachers, Supply Kindergarten Assistants u Supply Learning Support Assistants għax-xogħol dedikat tagħhom tul is-snin u qalet li b'dan il-ftehim il-Gvern qed jirrikonoxxi l-ħiliet tagħhom u jagħraf li huma kapaċi joffru edukazzjoni ta' livell lit-tfal fdata lilhom.

Hi sostniet li l-Gvern dejjem qed ipoġġi l-edukazzjoni bħala prijorita għal pajjiżna. Dan biex filwaqt li nkomplu ntejjbu s-sistema edukattiv għal ġid ta' uliedna, jgħin biex tintlaħaq il-mira li pajjiżna sal-2015 isir Ċentru ta' Eċċellenza fil-qasam Edukattiv.

Dan hu pass ieħor biex niggarantixxu li uliedna jirnexxu lkoll. L-edukazzjoni hi l-mezz kif uliedna jistgħu jitħejjew aħjar għad-dinja tax-xogħol li qed tinbidel kontinwament u għalhekk anke s-sistema edukattiv irid ikompli jiżviluppa u jinbidel biex jibqa' rilevanti għall-ħtiġijiet tal-lum.

Il-Ftehim kien iffirmat minn Dr. Christopher Bezzina, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport; Micheline Sciberras u Dr. Grace Grima, iż-żewġ Diretturi Ġenerali fid-

Direttorat tal-Edukazzjoni u Mario Grixti mill-Management and Personnel Office fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Għall-MUT iffirmaw il-President John Bencini, is-Segretaru Ġenerali Franklyn Barbara u l-Viċi President Anzjan Kevin Bonello.